



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2013/0137(COD)**

7.1.2014

## **EMENDI 475 - 668**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Pilar Ayuso**  
(PE522.867v01-00)

dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti  
(il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)

Proposta għal regolament  
(COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD))

AM\1014644MT.doc

PE526.155v02-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**



**Emenda 475**  
**James Nicholson**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 73 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-konformità mar-rekwiżiti ta' valur *sodisfaċenti għall-kultivazzjoni* u/jew l-użu msemija fl-Artikolu 58(1);

*Emenda*

(b) il-konformità mar-rekwiżiti ta' valur *għall-kultivazzjoni* u/jew l-użu msemija fl-Artikolu 58(1);

Or. en

**Emenda 476**  
**James Nicholson**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 73 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) *il-konformità mar-rekwiżiti ta' valur sostenibbli għall-kultivazzjoni u/jew l-użu msemija fl-Artikolu 59(1).*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mat-tibdil għall-VCU*

**Emenda 477**  
**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 73 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jistabbilixxu r-regoli dwar l-awditjar imsemmi fil-paragrafu 2.**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 478  
Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 74**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 74*

*imħassar*

**Regoli addizzjonali dwar l-eżami tekniku**

**1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jissupplimentaw ir-rekwiżiti għall-eżami tekniku stabbiliti fl-Artikoli 71, 72 u 73. Dawn l-atti delegati għandu jkollhom x'jaqsmu ma':**

**(a) il-kwalifiċi, it-taħriġ u l-attivitajiet tal-persunal tal-awtorità kompetenti, jew tal-applikant, għall-fini tal-eżami tekniku msemmija fl-Artikolu 71(1);**

**(b) it-tagħmir meħtieġ, inkluż il-laboratorji għall-karatteristiċi tal-reżistenza għall-mard, li hemm bżonn biex isir l-eżami tekniku;**

**(c) l-istabbiliment ta' ġabra ta' referenzi tal-varjetajiet biex jivvalutaw id-distintività u l-ġestjoni tal-ħażna ta' din il-ġabra ta' referenzi;**

**(d) l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġestjoni tal-kwalità, inkluż ir-rekord tal-attivitajiet u protokolli jew linji gwida, li jridu jintużaw għall-eżami tekniku;**

*(e) it-tweġġ ta' aktar provi u testijiet fil-laboratorju għal ġeneri jew speċijiet partikolari.*

*Dawn l-atti delegati għandhom iqisu l-protokollu tekniċi u xjentifiċi disponibbli.*

*2. Meta ebda rekwiżiti ma jkunu ġew adottati skont il-paragrafu 1, l-eżamijiet tekniċi għandhom isiru skont il-protokollu nazzjonali fejn għandhom x'jaqsmu l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tistabbilixxi restrizzjonijiet għall-Istati Membri. Madankollu f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jorganizzaw id-dettalji interni tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom responsabbli għall-eżamijiet tekniċi fit-territorju tagħhom bil-kapaċità tagħhom stess. Għalhekk l-Artikolu għandu jitħassar.*

### **Emenda 479**

**Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver**

### **Proposta għal regolament Artikolu 74**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 74*

*imħassar*

*Regoli addizzjonali dwar l-eżami tekniku*

*1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 140, li jissupplimentaw ir-rekwiżiti għall-eżami tekniku stabbiliti fl-Artikoli 71, 72 u 73. Dawn l-atti delegati għandu jkollhom x'jaqsmu ma':*

*(a) il-kwalifiċi, it-taħriġ u l-attivitajiet tal-persunal tal-awtorità kompetenti, jew tal-applikant, għall-fini tal-eżami tekniku msemmija fl-Artikolu 71(1);*

*(b) it-tagħmir meħtieġ, inkluż il-laboratorji għall-karatteristiċi tal-reżistenza għall-mard, li hemm bżonn biex isir l-eżami tekniku;*

*(c) l-istabbiliment ta' ġabra ta' referenzi tal-varjetajiet biex jivvalutaw id-distintività u l-ġestjoni tal-ħażna ta' din il-ġabra ta' referenzi;*

*(d) l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġestjoni tal-kwalità, inkluż ir-rekord tal-attivitajiet u protokollu jew linji gwida, li jridu jintużaw għall-eżami tekniku;*

*(e) it-tweġiq ta' aktar provi u testijiet fil-laboratorju għal ġeneri jew speċijiet partikolari.*

*Dawn l-atti delegati għandhom iqisu l-protokollu tekniċi u xjentifiċi disponibbli.*

*2. Meta ebda rekwiżiti ma jkunu ġew adottati skont il-paragrafu 1, l-eżamijiet tekniċi għandhom isiru skont il-protokollu nazzjonali fejn għandhom x'jaqsmu l-elementi msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1.*

Or. de

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli għall-eżami tekniku għandhom jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri; regoli addizzjonali jistgħu jwasslu għal differenzi fl-implimentazzjoni.*

### **Emenda 480**

**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 74 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġestjoni tal-kwalità, inkluż ir-rekord tal-attivitajiet u protokollu jew linji gwida, li jridu jintużaw għall-eżami tekniku;*

*(d) l-istabbiliment ta' sistemi għall-ġestjoni tal-kwalità, inkluż ir-rekord tal-attivitajiet u protokollu **tas-CPVO** jew linji gwida **tal-UPOV**, li jridu jintużaw għall-eżami*

tekniku;

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jissemmew b'mod speċifiku l-protokollu u l-linji gwida rilevanti*

#### **Emenda 481**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 75 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta, fil-qafas tal-eżami tekniku msemmi fl-Artikolu 71(1), ikun hemm bżonn **exami** tal-komponenti ġenealoġiċi, ir-riżultati ta' dan **l-exami** u d-deskrizzjoni tal-komponenti ġenealoġiċi għandhom jitqiesu kunfidenzjali, jekk l-applikanti jitolbu dan.

##### *Emenda*

1. Meta, fil-qafas tal-eżami tekniku msemmi fl-Artikolu 71(1), ikun hemm bżonn **eżami** tal-komponenti ġenealoġiċi, ir-riżultati ta' dan **l-eżami** u d-deskrizzjoni tal-komponenti ġenealoġiċi għandhom jitqiesu kunfidenzjali, jekk l-applikanti jitolbu dan. **Il-kompożizzjoni ġenealoġika tal-varjetà għandha tinżamm kunfidenzjali biss sakemm il-varjetà tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jew f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.**

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li n-nissiel jikkonċentra fuq ir-riċerka ta' varjetajiet ġodda u mhux fuq il-ħolqien ta' varjetà li diġà ġiet irreġistrata. Barra minn hekk, in-nissiel jista' jkollu esperjenza vasta fir-rigward ta' ċertu linji parental, u jista' jkun interessat fl-estrazzjoni ta' iżjed PRM mill-istess linji parental. Għalhekk il-kunfidenzjalità dwar il-linji parental għandha tinżamm biss sakemm il-varjetà tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-Unjoni jew f'reġistru nazzjonali.*

#### **Emenda 482**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 75 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fil-każ ta' varjetajiet ta' materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub esklussivament għall-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-finijiet industrijali, u jekk l-applikant jitlob dan, ir-riżultati tal-eżami tekniku msemmi fl-Artikolu 71(1) u l-użi maħsuba ta' dawn il-varjetajiet għandhom jitqiesu kunfidenzjali.

*Emenda*

2. Fil-każ ta' varjetajiet ta' materjal riproduttiv tal-pjanti maħsub esklussivament għall-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-finijiet industrijali, u jekk l-applikant jitlob dan, ir-riżultati tal-eżami tekniku msemmi fl-Artikolu 71(1) u l-użi maħsuba ta' dawn il-varjetajiet għandhom jitqiesu kunfidenzjali. ***Ir-riżultat tal-eżami tekniku u l-użi maħsuba għandhom jinżammu kunfidenzjali biss sakemm il-varjetà tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni jew f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li n-nissiel jikkonċentra fuq ir-riċerka ta' varjetajiet ġodda u mhux fuq il-ħolqien ta' varjetà li diġà ġiet irreġistrata. Barra minn hekk, in-nissiel jista' jkollu esperjenza vasta fir-rigward ta' ċertu linji parentali, u jista' jkun interessat fl-estrazzjoni ta' iżjed PRM mill-istess linji parentali. Għalhekk il-kunfidenzjalità dwar il-linji parentali għandha tinżamm biss sakemm il-varjetà tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-Unjoni jew f'reġistru nazzjonali.*

**Emenda 483**

**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 76 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Rapport proviżorju tal-eżami u deskrizzjoni uffiċjali proviżorja***

*Emenda*

***Eżami komplimentari***

Or. en



**Emenda 484**

**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 76 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1. Wara l-eżami tekniku msemmi fl-Artikolu 71(1), l-awtorità kompetenti għandha toħloq rapport proviżorju tal-eżami u, meta jidhrilha li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà, kif jissewma fl-Artikoli 60, 61 u 62, deskrizzjoni uffiċjali proviżorja tal-varjetà abbażi ta' dak ir-rapport.**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 485**

**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 76 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Ir-rapport proviżorju tal-eżami jista' jirreferi għal sejbiet ta' rapporti oħrajn tal-eżami li nħolqu fuq il-varjetà rilevanti, mill-awtorità kompetenti kkonċernata, awtoritajiet kompetenti oħrajn jew l-Aġenzija.**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 486**

**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 76 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. L-awtorità kompetenti għandha tgħaddi lill-applikant ir-rapport proviżorju tal-eżami u d-deskrizzjoni uffiċjali proviżorja tal-varjeta.**

**imħassar**

Or. en

**Emenda 487**

**James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 77 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-applikanti għandhom jingħataw l-opportunità li jżuru s-siti fejn jitwettaq l-eżami tekniku, sabiex jingħataw ir-riżultati tal-eżami, jipprovdu informazzjoni addizzjonali, u jiddiskutu r-riżultati mal-awtorità kompetenti.**

Or. en

**Emenda 488**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 77 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-awtorità kompetenti għandha tiġbor kwalunkwe lment li xi denominazzjoni ġiet użata ħażin. Meta tirċievi l-ilment, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk id-denominazzjoni ntużatx ħażin u r-raġunijiet li orjentaw l-għażla tal-applikant biex juża ħażin id-denominazzjoni.**

*(a) fejn il-valutazzjoni tiżvela li l-applikant uża ħażin b'mod involontarju d-denominazzjoni eżistenti, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel din id-denominazzjoni unika u distingwibbli mill-waħda użata ħażin billi tibdilha jew temendaha. L-applikant jista' jissuġġerixxi proposti għad-denominazzjoni mibdula jew emendata;*

*(b) fejn il-valutazzjoni tiżvela li l-applikant ma setax ma jkunx konxju li huwa uża ħażin id-denominazzjoni eżistenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni li tħassar ir-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 85(1)(a) jew (g).*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-test leġiżlattiv propost ma jipprevenix l-ommissjoni tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet kompetenti, għaliex huwa impossibbli għalihom li jkunu jafu d-denominazzjonijiet kollha mhux reġistrati. Għalhekk għandha tingħata xi għajjnuna minn partijiet terzi lill-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti jekk meħtieġa, bl-għan li jiġu protetti d-denominazzjonijiet mhux reġistrati, jiġi evitat il-frodi, u fl-aħħar nett jiġu protetti l-utenti.*

**Emenda 489**  
**Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 78 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1) L-awtorità kompetenti għandha tiġbor kwalunkwe lment li xi denominazzjoni ġiet użata ħażin. Meta jkun ġie fformulat ilment, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk id-denominazzjoni ntużatx ħażin u r-raġunijiet li orjentaw l-għażla tar-reġistrant biex juża ħażin id-denominazzjoni.*

*(a) fejn il-valutazzjoni tiżvela li l-applikant uża ħażin b'mod involontarju d-denominazzjoni eżistenti, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel din id-denominazzjoni unika u distingwibbli mill-waħda użata ħażin billi tibdilha jew temendaha. L-applikant jista' jissuġġerixxi proposti għad-denominazzjoni mibdula jew emendata;*

*(b) fejn il-valutazzjoni tiżvela li l-applikant ma setax ma jkunx konxju li huwa*

*uża ħażin id-denominazzjoni eżistenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 79(2).*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-test ma jipprevenix l-ommissjoni tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet kompetenti, għaliex huwa impossibbli għalihom li jkunu jafu d-denominazzjonijiet kollha mhux reġistrati. Għal din ir-raġuni, kulħadd jista' jgħin lill-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti biex jiġu protetti d-denominazzjonijiet mhux reġistrati, jiġi evitat il-frodi, u fl-aħħar jiġu protetti l-utenti.*

#### **Emenda 490 Karin Kadenbach**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 82 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandu jkun **30 sena**.

##### *Emenda*

1. Il-perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandu jkun **10 snin**.

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ma tingħata l-ebda raġuni biex il-perjodu ta' reġistrazzjoni jiġi estiż, għaliex spiss il-varjetajiet reġistrati diġà ma jkunux disponibbli għax-xerrej wara ftit snin ta' reġistrazzjoni.*

*Taħt il-leġiżlazzjoni eżistenti (id-Direttiva 2002/53), il-perjodu ta' validità huwa ta' 10 snin.*

**Emenda 491**  
**Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 83 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Ir-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tista' tiġġedded għal aktar perjodi ta' **30 sena**, f'konformità mal-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 84.

*Emenda*

1. Ir-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tista' tiġġedded għal aktar perjodi ta' **10 snin**, f'konformità mal-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 84.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-perjodu ta' reġistrazzjoni għandu jiġi estiż. Iż-żieda fil-perjodu ta' reġistrazzjoni tkun tfisser żieda fit-telf tal-bijodiversità. Il-perjodu ta' validità tar-reġistrazzjoni għandu jibqa' 10 snin.*

**Emenda 492**  
**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 84 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. It-tiġdid tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha tingħata jekk **jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:**

*Emenda*

3. It-tiġdid tar-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandha tingħata **biss** jekk **il-varjetà tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56, u, fejn applikabbli tal-Artikolu 57**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Xi varjetajiet m'għandhomx nissiela għall-manutenzjoni għaliex dan mhuwiex meħtieġ fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan huwa minnu fil-każ ta' siġra antika tat-tuffieħ u varjetajiet mhux*

*professjonali. Dan ir-reqwizit mhux meħtieġ u m'għandux joħloq piżijiet għall-operaturi.*

**Emenda 493**

**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Åsa Westlund, Jens Nilsson**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 84 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) il-varjetà tibqa' tikkonforma mar-  
reqwiżiti tal-Artikolu 56 u, meta  
applikabbli, tal-Artikolu 57;**

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Xi varjetajiet m'għandhomx nissiela għall-manutenzjoni għaliex dan mhuwiex meħtieġ fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan huwa minnu fil-każ ta' siġra antika tat-tuffieħ u varjetajiet mhux professjonali. Dan ir-reqwizit mhux meħtieġ u m'għandux joħloq piżijiet għall-operaturi.*

**Emenda 494**

**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 84 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) l-awtorità kompetenti ssib li persuna  
tkun responsabbli mis-selezzjoni  
konservattiva tal-varjetajiet skont id-  
dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86.**

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Xi varjetajiet m'għandhomx nissiela għall-manutenzjoni għaliex dan mhuwiex meħtieġ fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan huwa minnu fil-każ ta' siġra antika tat-tuffieħ u varjetajiet mhux professjonali. Dan ir-reqwizit mhux meħtieġ u m'għandux joħloq piżijiet għall-operaturi.*

## Emenda 495

Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund

### Proposta għal regolament Artikolu 84 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtorità kompetenti tista' ġġedded ir-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, mingħajr ma titressaq applikazzjoni għal tiġdid skont il-paragrafi 1 u 2, meta jidhrilha li dan it-tiġdid ta' dik ir-reġistrazzjoni jħalli sostenibbli l-produzzjoni agrikola u l-preservazzjoni tad-diversità ġenetika, **u li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3.**

*Emenda*

4. L-awtorità kompetenti tista' ġġedded ir-reġistrazzjoni ta' varjetà f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, mingħajr ma titressaq applikazzjoni għal tiġdid skont il-paragrafi 1 u 2, meta jidhrilha li dan it-tiġdid ta' dik ir-reġistrazzjoni jħalli sostenibbli l-produzzjoni agrikola u l-preservazzjoni tad-diversità ġenetika.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu joffri inqas protezzjoni għall-bijodiversità. L-agrikoltura sostenibbli u d-diversità ġenetika m'għandhomx jiġu llimitati, speċjalment jekk varjetà waħda tkun diġà ġiet iddikjarata bħala konformi mal-leġislazzjoni minn awtorità kompetenti fil-passat. Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jgħinu l-agrikoltura sostenibbli u d-diversità ġenetika m'għandhiex tiġi llimitata minn rekwiżiti tekniċi li diġà ġew issodisfati fil-passat.*

## Emenda 496

James Nicholson, Vicky Ford, Anthea McIntyre, Julie Girling

### Proposta għal regolament Artikolu 85

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Artikolu 85*

*Tħassir mir-reġistri nazzjonali tal-varjetajiet*

**1. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi li tħassar varjetà mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet jekk:**

**(a) l-awtorità kompetenti, abbażi ta' xi**

*Emenda*

**imħassar**

*evidenza ġdida, tikkonkludi li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 56 ma għadhomx issodisfati;*

*(b) l-applikant iressaq talba biex titneħħa l-varjetà mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet;*

*(c) l-applikant ma jħallasx il-miżata annwali skont il-punt(d) tal-Artikolu 87(1)(e);*

*(d) il-persuna responsabbli mis-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet, kif jissemma fl-Artikolu 86(1) titlob dan, sakemm is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma tiżgurahiex persuna oħra;*

*(e) ma tkunx qed issir selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 86;*

*(f) issir selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'pajjiż terz u dan il-pajjiż terz ma jkunx ta' assistenza għall-kontrolli ta' din is-selezzjoni konservattiva skont l-Artikolu 86(8);*

*(g) fi żmien l-applikazzjoni, tingħata dejta falza jew frawdolenti dwar il-fatti li fuqhom tkun ġiet deċiża r-reġistrazzjoni;*

*(h) sal-iskadenza biex titressaq applikazzjoni għal tiġdid kif jissemma fl-Artikolu 84(1), l-applikant ma jkunx ressaq din l-applikazzjoni u jkun skada l-perjodu tal-validità li jissemma fl-Artikolu 82(1).*

2.

*Jekk jitlobha l-applikant, l-awtorità kompetenti tista' tħalli varjetà li tneħħiet mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-paragrafu 1(b) tibqa' ssir disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara t-tneħħija mir-reġistru.*

*Din it-talba għandha titressaq qabel id-data meta jiskadi l-perjodu tar-reġistrazzjoni.*

3. *Wara li varjetà titneħħa mir-reġistru*



*nazzjonali tal-varjetajiet, l-awtorità kompetenti għandha tressaq kampjun ta' din il-varjetà, u d-deskrizzjoni tagħha, lil bank tal-ġeni ddedikat għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Banek tal-ġeni għandhom jiddeterminaw liema varjetajiet huma denji għall-konservazzjoni.*

**Emenda 497**  
**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Jekk jitlobha l-applikant, l-awtorità kompetenti tista' tħalli varjetà li tneħħiet mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-paragrafu 1(b) tibqa' ssir disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara t-tneħħija mir-reġistru.

*Emenda*

Jekk jitlobha l-applikant **jew parti terza**, l-awtorità kompetenti tista' tħalli varjetà li tneħħiet mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-paragrafu 1(b), **1(c), 1(d), 1(e), 1(f) jew 1(h)** tibqa' ssir disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara t-tneħħija mir-reġistru.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi evitat it-telf ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, għandu jkun possibbli li ssir manutenzjoni tal-varjetà li tkun ġiet irreġistrata fl-UE jew f'katalgu nazzjonali jekk ikun għad hemm domanda minn xi utenti. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa fuq is-suq, ir-regoli għall-kontinwazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetà għandhom jiġu ssimplifikati.*

**Emenda 498**  
**Andrea Zanoni**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Jekk jitlobha l-applikant, l-awtorità kompetenti **tista'** tħalli varjetà li tneħħiet mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet f'konformità mal-paragrafu 1(b) tibqa' ssir disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara t-tneħħija mir-reġistru.

*Emenda*

Jekk jitlobha l-applikant **jew parti terza**, l-awtorità kompetenti **għandha** tħalli varjetà li tneħħiet mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet **jew li skadiet** f'konformità mal-paragrafu 1(b) **jew 1(h)** tibqa' ssir disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena wara t-tneħħija mir-reġistru.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi evitat it-telf ta' riżorsi ġenetiċi fl-użu, għandu jkun possibbli li ssir manutenzjoni tal-varjetà li tkun ġiet irreġistrata fl-UE jew f'katalgu nazzjonali jekk ikun għad hemm domanda minn xi utenti. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa fuq is-suq, ir-regoli għall-kontinwazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetà għandhom jiġu ssimplifikati.*

**Emenda 499**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Din it-talba għandha titressaq qabel id-data meta jiskadi l-perjodu tar-reġistrazzjoni.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi evitat it-telf ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, għandu jkun possibbli li ssir manutenzjoni tal-varjetà li tkun ġiet irreġistrata fl-UE jew f'katalgu nazzjonali jekk ikun għad hemm domanda minn xi utenti. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa fuq is-suq, ir-regoli għall-kontinwazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetà għandhom jiġu ssimplifikati.*

**Emenda 500**

**Andrea Zanoni**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 85 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Din it-talba għandha titressaq qabel id-  
data meta jiskadi l-perjodu tar-  
reġistrazzjoni.***

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi evitat it-telf ta' riżorsi ġenetiċi fl-użu, għandu jkun possibbli li ssir manutenzjoni tal-varjetà li tkun ġiet irreġistrata fl-UE jew f'katalgu nazzjonali jekk ikun għad hemm domanda minn xi utenti. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa fuq is-suq, ir-regoli għall-kontinwazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-varjetà għandhom jiġu ssimplifikati.*

**Emenda 501  
James Nicholson**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 85 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3. Wara li varjetà titneħħa mir-reġistru  
nazzjonali tal-varjetajiet, l-awtorità  
kompetenti għandha tressaq kampjun ta'  
din il-varjetà, u d-deskrizzjoni tagħha, lil  
bank tal-ġeni ddedikat għall-  
konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi.***

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa r-rwol tal-banek tal-ġeni stess li jiddeterminaw liema varjetajiet huma denji għall-konservazzjoni. Għadd kbir ta' varjetajiet huma rreġistrati għal perjodi qosra ta' żmien, biss dan ma jkunx effettiv biex jiżgura l-konservazzjoni ta' ġeni ta' valur jekk il-varjetajiet imħassra kollha jintbagħtu lill-banek tal-ġeni.*

**Emenda 502**  
**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 85 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Wara li varjetà titneħħa mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, l-awtorità kompetenti għandha tressaq kampjun ta' din il-varjetà, u d-deskrizzjoni tagħha, lil bank tal-ġeni ddedikat għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi.

*Emenda*

3. Wara li varjetà titneħħa mir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, l-awtorità kompetenti għandha tressaq kampjun ta' din il-varjetà, u d-deskrizzjoni tagħha, **u fil-każ ta' ibridu l-linji parentali tiegħu**, lil bank tal-ġeni ddedikat għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'ċertu ġeneri u speċijiet, numru dejjem jiżdied ta' varjetajiet fir-reġistru uffiċjali huma ibridi. Jekk il-bażi ġenetika għal dawn l-ibridi tintilef wara li titħassar il-varjetà mir-reġistru, dan jikkontradixxi l-oġġettiv tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u agrikoltura tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u Agrikoltura.*

**Emenda 503**  
**Karin Kadenbach, Åsa Westlund, Jens Nilsson, Marita Ulvskog**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 86**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Artikolu 86**

**Manutenzjoni tal-varjetà**

**1. Il-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandu jagħmlilhom selezzjoni konservattiva l-applikant jew persuna oħra li taġixxi bi ftehim reċiproku mal-applikant. L-applikant għandu jinnotifika din il-persuna l-oħra lill-applikant kompetenti.**

**2. Is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet għandha ssir skont il-prattiċi**

*Emenda*

**imħassar**

*aċċettati fejn għandhom x'jaqsmu, kif xieraq, ġeneri, speċijiet jew tipi tal-varjetajiet.*

*3. Il-persuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha żżomm rekords dwar is-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet. F'kull ħin, l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' tivverifika s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet f'dawk ir-rekords. Dawn ir-rekords għandhom ikopru wkoll il-produzzjoni ta' materjal prebażiku, bażiku, iċċertifikat u standard, u l-istadji tal-produzzjoni qabel il-materjal prebażiku.*

*4. Il-varjetajiet mogħtija b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandha ssirilhom selezzjoni konservattiva fir-reġjun(i) tal-orijini tagħhom.*

*5. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel kontrolli fuq il-mod kif varjetà ssirilha selezzjoni konservattiva u, għal dan il-għan, din tista' tieħu kampjuni tal-varjetajiet ikkonċernati.*

*6. Meta awtorità kompetenti ssib li l-persuna responsabbli għas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet ma jkunx konformi mal-paragrafi 1 sa 4, din għandha tagħti l-opportunità lil dik il-persuna biex tieħu azzjoni korrettiva.*

*7. Meta s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet issir fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru li fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu tkun għiet irreġistrata l-varjetà, l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Membri kkonċernati għandhom jassistu lil xulxin fil-kontrolli tas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet.*

*8. Meta s-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet issir f'pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li l-varjetà tkun għiet irreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet tiegħu, għandhom jitolbu assistenza lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz għall-kontrolli*

*tas-selezzjoni konservattiva tal-varjetajiet.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-test huwa parti minn leġislazzjoni kummerċjali. F'dan is-sens, bl-ebda mod m'għandu jkollu influwenza fuq il-bijodiversità, jew tal-anqas m'għandux jinfluwenza l-manutenzjoni tal-varjetà. Dan jista' jinkiseb mingħajr leġislazzjoni professjonali. Jitħassar l-Artikolu 86 kollu dwar il-manutenzjoni.*

**Emenda 504**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 86 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandu jagħmlilhom selezzjoni konservattiva l-applikant jew persuna oħra li taġixxi bi ftehim reċiproku mal-applikant. L-applikant għandu jinnotifika din il-persuna l-oħra lill-applikant kompetenti.

*Emenda*

1. Il-varjetajiet irreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-varjetajiet għandu jagħmlilhom selezzjoni konservattiva l-applikant jew persuna oħra li taġixxi bi ftehim reċiproku mal-applikant. L-applikant għandu jinnotifika din il-persuna l-oħra lill-applikant kompetenti.

***Kwalunkwe persuna oħra tista' tinnotifika lill-awtorità kompetenti b'referenza għal varjetà reġistrata li dik il-persuna qed taġixxi b'mod addizzjonali bħala persuna responsabbli għall-manutenzjoni.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa l-każ bħalissa, u għalhekk għandna l-intenzjoni li nippreservaw l-istatus quo. Sabiex tiġi ppreservata d-diversità ġenetika, għandu jkun possibbli li ssir manutenzjoni tal-varjetà anke meta l-interess tal-applikant oriġinali f'dik il-varjetà jintemm.*

**Emenda 505**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 87 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(f) il-kontrolli tas-selezzjoni konservattiva  
kif jissema fl-Artikolu 86(5).**

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-manutenzjoni tal-varjetà m'għandhiex tiġi ddeterminata f'dan id-dettall mil-leġislazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. F'ħafna każijiet, huwa mixtieq li l-varjetà tadatta għall-ambjent tagħha filwaqt li xorta żżomm il-karatteristiċi essenzjali tal-varjetà. Barra minn hekk, l-attivitajiet tal-manutenzjoni għandhom jiġu salvagwardjati minflok jiġu penalizzati.*

**Emenda 506  
Christa Klauß**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 88 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1. F'każ ta' varjetajiet mogħtija  
b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment,  
ma għandhomx jintalbu l-ebda miżati  
għall-azzjonijiet imsemmi fil-punt (e) tal-  
Artikolu 87(1).**

***imħassar***

Or. de

**Emenda 507  
Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 88 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. F'każ ta' varjetajiet mogħtija  
b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment,

1. F'każ ta' varjetajiet mogħtija  
b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment,

ma għandhomx jintalbu l-ebda miżati  
għall-azzjonijiet **imsemmi fil-punt (e) tal-**  
**Artikolu 87(1).**

ma għandhomx jintalbu l-ebda miżati  
għall-azzjonijiet **imsemmija fl-**  
**Artikolu 87(1).**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Wieħed mill-għanijiet tar-reġistrazzjoni tal-PRM taħt deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment huwa li l-prodotti agrikoli diversi jkunu disponibbli fuq is-suq. Madankollu hemm żewġ ostakoli ewlenin fir-reġistrazzjoni li jxekklu d-dħul fis-suq, li jistgħu jiġu deskritti bħala tekniċi u finanzjarji. Il-miżati kollha involuti fir-reġistrazzjoni taħt deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandhom jitneħħew.*

#### **Emenda 508** **Karin Kadenbach**

#### **Proposta għal regolament** **Artikolu 88 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. F'każ ta' varjetajiet mogħtija  
b'deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment,  
ma għandhomx jintalbu l-ebda miżati  
għall-azzjonijiet imsemmi fil-punt (e) tal-  
Artikolu 87(1). Dan it-tnaqqis għandu jsir  
b'tali mod li jkun żgurat li l-miżata ma  
xxekkilx ir-reġistrazzjoni tal-varjeta  
kkonċernata.**

**imħassar**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Wieħed mill-għanijiet tar-reġistrazzjoni tal-PRM taħt deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment huwa li l-prodotti agrikoli diversi jkunu disponibbli fuq is-suq. Madankollu hemm żewġ ostakoli ewlenin fir-reġistrazzjoni li jxekklu d-dħul fis-suq, li jistgħu jiġu deskritti bħala tekniċi u finanzjarji. Il-miżati kollha involuti fir-reġistrazzjoni taħt deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment għandhom jitneħħew.*



**Emenda 509**  
**Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 89 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-miżati stabbiliti **fl-Artikoli 87 u 88** ma għandhomx jingħataw lura direttament jew indirettament, sakemm ma jkunux inġabru bla bżonn.

*Emenda*

1. Il-miżati stabbiliti **fl-Artikolu 87** ma għandhomx jingħataw lura direttament jew indirettament, sakemm ma jkunux inġabru bla bżonn.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa inġust li jintalbu miżati mingħand il-mikroimpreżi, u jagħmel iżjed sens li jinġabru biss miżati minn kumpaniji agrikoli ikbar li se jibbenefikaw minn dan ir-Regolament. Il-mikroimpreżi m'għandhomx ikunu responsabbli għall-ħlas ta' miżati. Għalhekk, kwalunkwe dispożizzjoni li teskludi l-mikroimpreżi mill-eżenzjoni tal-miżati għandha titħassar. Barra minn hekk, l-Artikolu 89 għandu jiġi mmodifikat skont il-modifiki tal-Artikolu 88 filwaqt li jiġu segwiti l-emendi preċedenti.*

**Emenda 510**  
**Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 89 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Applikanti li **jħaddmu anqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali tagħhom jew it-total annwali tal-karta bilanċjali tagħhom ma jaqbiżx EUR 2 miljun** għandhom jiġu eżentati milli jħallsu l-miżati stabbiliti fl-Artikolu 87 u fl-Artikolu 88.

*Emenda*

2. Applikanti li **huma mikroimpreżi kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE**<sup>21g</sup> għandhom jiġu eżentati milli jħallsu l-miżati stabbiliti fl-Artikolu 87 u fl-Artikolu 88.

---

<sup>21g</sup> ĠU, L 124, 20.5.2003, p.36

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Għall-mikroimpriżi l-ispejjeż tal-miżati huma sproporzjonati għall-kapaċitajiet ekonomiċi tagħhom.*

### **Emenda 511**

**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 89 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Applikanti li ***jħaddmu anqas minn 10 persuni u li*** l-fatturat annwali tagħhom jew it-total annwali tal-karta bilanċjali tagħhom ma jaqbiżx EUR 2 miljun għandhom jiġu eżentati milli jħallsu l-miżati stabbiliti fl-Artikolu 87 u fl-Artikolu 88.

##### *Emenda*

2. Applikanti li l-fatturat annwali tagħhom jew it-total annwali tal-karta bilanċjali tagħhom ma jaqbiżx EUR 2 miljun għandhom jiġu eżentati milli jħallsu l-miżati stabbiliti fl-Artikolu 87 u fl-Artikolu 88.

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex xieraq li l-limitu massimu tal-impjegati jiġi stabbilit għal 10, meta jitqies li din il-leġiżlazzjoni tittratta attivitajiet li jirrikjedu ħafna ħaddiema (bħal fil-każ ta' produtturi tal-ħxejjex jew tal-frott). Din il-leġiżlazzjoni timponi r-responsabbiltà fuq l-operaturi ż-żgħar biex iħallsu l-miżati u tqegħedhom f'pożizzjoni vulnerabbli, jekk ma jkunux f'qagħda li jħallsu l-miżati. Il-limitu għal 10 impjegati għandu jitħassar.*

### **Emenda 512**

**Karin Kadenbach**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 89 – paragrafu 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

***3. L-ispejjeż imsemmija fl-Artikoli 87 u 88 ma għandhomx jinkludu dawk imġarrba biex isiru l-kontrolli uffiċjali fuq l-applikanti msemmija fil-paragrafu 2.***

##### *Emenda*

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa inġust li jintalbu miżati mingħand il-mikroimpriżi, u jagħmel iżjed sens li jinġabru biss miżati minn kumpaniji agrikoli ikbar li se jibbenefikaw minn dan ir-Regolament. Il-mikroimpriżi m'għandhomx ikunu responsabbli għall-ħlas ta' miżati. Għalhekk, kwalunkwe dispożizzjoni li teskludi l-mikroimpriżi mill-eżenzjoni tal-miżati għandha titħassar. Barra minn hekk, l-Artikolu 89 għandu jiġi mmodifikat skont il-modifiki tal-Artikolu 88 filwaqt li jiġu segwiti l-emendi preċedenti.*

**Emenda 513**

**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 96 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1. Il-varjetajiet u l-kloni rreġistrati fir-reġistru tal-varjetajiet tal-Unjoni għandu jagħmlilhom selezzjoni konservattiva l-applikant jew persuna oħra li taġixxi bi ftehim reċiproku mal-applikant. Il-persuna l-oħra għandha tiġi nnotifikata lill-Aġenzija.***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-test huwa parti minn leġislazzjoni kummerċjali. F'dan is-sens, bl-ebda mod m'għandu jkollu influwenza fuq il-bijodiversità, jew tal-anqas m'għandux jinfluwenza l-manutenzjoni tal-varjetà. Dan jista' jinkiseb mingħajr leġislazzjoni professjonali u l-Artikolu 96 dwar il-manutenzjoni għandu jitħassar.*

**Emenda 514**

**Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 97 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 140, li jistabbilixxu l-ammont tal-miżati kif jissewma fl-Artikolu 87(1) kif japplika skont l-Artikolu 94.**

**imħassar**

Or. de

**Emenda 515**

**Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 97 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Il-livell *safejn* huma stabbiliti l-miżati skont il-paragrafu 1** għandu jixhed il-prinċipju tat-tmexxija finanzjarja soda sabiex l-Aġenzija tkun tista' żżomm baġit bilanċjat.

Il-livell ***sa fejn*** huma stabbiliti l-miżati ***mill-Istati Membri*** għandu jixhed il-prinċipju tat-tmexxija finanzjarja soda sabiex l-Aġenzija tkun tista' żżomm baġit bilanċjat. ***Għal intrapriżi żgħar jew individwi jistgħu japplikaw eċċezzjonijiet jew eżenzjonijiet mill-ħlasijiet.***

Or. de

**Emenda 516  
Christa Klauß**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 102 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm fajl dwar kull varjetà rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, li jkun fih id-deskrizzjoni uffiċjali, ir-rapport tal-eżami u kull rapport ***kumplimentarju tal-elżami*** skont l-Artikolu 76. Meta applikabbli, il-

1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm fajl dwar kull varjetà rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet, li jkun fih id-deskrizzjoni uffiċjali, ir-rapport tal-eżami u kull rapport ***addizzjonali tal-eżami*** skont l-Artikolu 76. Meta applikabbli, il-fajl

fajl għandu jkun fih biss id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetajiet, u d-dokumenti li jappoġġaw din id-deskrizzjoni.

għandu jkun fih biss id-deskrizzjoni rikonoxxuta uffiċjalment tal-varjetajiet, u d-dokumenti li jappoġġaw din id-deskrizzjoni **kif ukoll ir-rapport tekniku tal-eżami kif meħtieġ skont l-Artikolu 57, paragrafu 4.**

Or. de

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għal skopijiet ta' simplifikazzjoni u tat-traċċabbiltà, il-materjal eteroġenju għandu jkun permess skont proċess simplifikat u għandu jissodisfa rekwiżiti speċjali fir-rigward tat-tqegħid tiegħu fis-suq.*

#### **Emenda 517** **Satu Hassi, Karin Kadenbach**

#### **Proposta għal regolament** **Artikolu 103 – paragrafu 4**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtorità kompetenti għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika **meta** l-informazzjoni tkun trid titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

##### *Emenda*

4. L-awtorità kompetenti għandha, **fuq talba**, tiegħu l-miżuri xierqa biex tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. **Dan l-aċċess għandu jingħata mingħajr ħlas u b'mezzi elettroniċi.** Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika **sakemm** l-informazzjoni tkun trid titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe utent għandu jkollu d-dritt li jagħmel għażla infurmata. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, l-utent għandu jkollu l-aċċess għall-informazzjoni kollha li tappartjeni għal varjetà partikolari ta' interess għall-utent. Huwa biss fuq perjodu speċifikat li l-informazzjoni tista' tinżamm kunfidenzjali. Għalhekk, il-Punt 4 tal-Artikolu 103 għandu jggarantixxi t-trasparenza għall-utenti. It-trasparenza għandha tiġi żgurata u l-aċċess għad-dejta*

*ssimplifikat.*

## **Emenda 518**

**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund**

### **Proposta għal regolament Artikolu 103 – paragrafu 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtorità kompetenti għandha ***tieħu l-miżuri xierqa biex*** tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika ***meta*** l-informazzjoni tkun trid titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

#### *Emenda*

4. L-awtorità kompetenti għandha, ***fuq talba***, tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru nazzjonali tal-varjetajiet lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika ***sakemm*** l-informazzjoni tkun trid titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe utent għandu jkollu d-dritt li jagħmel għażla infurmata. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, l-utent għandu jkollu l-aċċess għall-informazzjoni kollha li tappartjeni għal varjetà partikolari ta' interess għall-utent. Huwa biss matul perjodu speċifikat li l-informazzjoni tista' tinżamm kunfidenzjali. Il-Punt 4 tal-Artikolu 103 għandu jiggarrantixxi t-trasparenza għall-utenti.*

## **Emenda 519**

**Karin Kadenbach, Marita Ulvskog, Jens Nilsson, Åsa Westlund**

### **Proposta għal regolament Artikolu 104 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha ***tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċessat ir-reġistru*** tal-varjetajiet ***tal-Unjoni***.

#### *Emenda*

1. L-aġenzija għandha, ***fuq talba, tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru nazzjonali*** tal-varjetajiet ***lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika***

**sakemm l-informazzjoni tkun trid titqies  
kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe utent għandu jkollu d-dritt li jagħmel għażla infurmata. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, l-utent għandu jkollu l-aċċess għall-informazzjoni kollha li tappartjeni għal varjetà partikolari ta' interess għall-utent. Huwa biss matul perjodu speċifikat li din l-informazzjoni tista' tinżamm kunfidenzjali. Il-Punt 4 tal-Artikolu 104 għandu jiggarrantixxi t-trasparenza għall-utenti.*

**Emenda 520  
Satu Hassi, Karin Kadenbach**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 104 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Aġenzija għandha **tieħu l-miżuri xierqa biex** tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru tal-varjetajiet **tal-Unjoni** lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika **meta** l-informazzjoni tkun trid titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

*Emenda*

4. L-aġenzija għandha, **fuq talba**, tagħmel disponibbli l-informazzjoni li jkun hemm fil-fajls tar-reġistru **nazzjonali** tal-varjetajiet lil kull persuna li titlob aċċess għal din l-informazzjoni. **Dan l-aċċess għandu jingħata mingħajr ħlas u b'mezzi elettroniċi.** Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika **sakemm** l-informazzjoni tkun trid titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kwalunkwe utent għandu jkollu d-dritt li jagħmel għażla infurmata. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, l-utent għandu jkollu l-aċċess għall-informazzjoni kollha li tappartjeni għal varjetà partikolari ta' interess għall-utent. Huwa biss fuq perjodu speċifikat li din l-informazzjoni tista' tinżamm kunfidenzjali. Għalhekk dan il-paragrafu għandu jiggarrantixxi trasparenza għall-utenti.*

**Emenda 521**

**Satu Hassi, Karin Kadenbach, Wojciech Michal Olejniczak**

**Proposta għal regolament  
Parti IV**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

[...]

*imħassar*

*(Din l-Emenda għandha tiġi riflessa matul it-test kollu, li jfisser pereżempju li l-kliem “li mhux materjal tal-foresti” għandu jitneħħa mill-Artikoli 8 u 9 u mill-intestatura tal-Parti III, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(4) jitħassar, li r-referenzi għall-Artikoli mħassra għandhom jitneħħew mill-Artikolu 140, u li l-ispeċijiet rispettivi jitneħħew mill-Anness I. L-Emenda għandha tiġi riflessa wkoll fil-Premessi.)*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-materjal riproduttiv tal-foresti rregolat bid-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti m'għandux jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 522**

**Martin Kastler, Elisabeth Köstinger, Albert Deß, Milan Zver**

**Proposta għal regolament  
Parti IV**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

[...]

*imħassar*

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Materjal riproduttiv tal-foresti għandu jitqies b'mod differenti minn materjal solidu*



